MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1125/2002

**Cit Nru: 1125/02 JA.**

**Malta Development Corporation.**

**-vs-**

**Academy Furniture Manufacturing Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fid-9 ta' Ottubru, 2002 li permezz tieghu l-Korporazzjoni attrici ppremettiet:

Illi b' kuntratt tal-24 ta' Jannar, 2001 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino, kopja ta' liema hija hawn esebita u markata Dokument 'A', l-Korporazzjoni attrici kienet silfet lill-

kumpanija konvenuta s-somma ta’ tmienja u erbghin elf u tmin mitt Liri Maltin (Lm48,800) that il-kundizzjonijiet kollha hemm stipulati.

Illi l-kuntrat hawn fuq imsemmi gie konkluz wara l-hrug ta’ l-ittra mill-Korporazzjoni attrici tat-2 ta’ Marzu, 2000, b’ liema ittra s-socjeta’ konvenuta inghatat diversi beneficcji taht l-Att tal-1988 dwar l-izvilupp Industrijali (Dokument ‘B’).

Billi ai termini tal-kuntratt tal-24 ta’ Jannar, 2001 u tal-ittra imsemmija tat-2 ta’ Marzu, 2000 il-Korporazzjoni attrici avvanzat lis-socjeta’ konvenuta s-somma ta’ sebgha u erbghin elf u hmistax il-Lira Maltin u 51 centezmu (Lm47,015.51c).

Billi l-istat finanzjarju li tinsab fih is-socjeta’ konvenuta huwa tali illi jqieghed fil-periklu l-hlas lura tal-kreditu fuq msemmi tant li s-socjeta’ konvenuta naqset li taffetwa l-pagamenti relattivi ghal hlas ta’ imghax dovut fuq is-somma mislufa skond il-kuntrat tal-24 ta’ Jannar, 2001.

Billi a tenur ta’ l-istess ittra datata 2 ta’ Marzu, 2000 (Dokument B), is-socjeta’ konvenuta iet moghtija mill-koporazzjoni attrici b’ titolu ta’ kera l-fabbrika HF26, Hal Far Industrial Estate, Hal Far bil-kera annwali ta’ tlett elef, sitt mija u tlettax il-Lira Maltija u 75 centezmu (Lm3,613.75).

Billi minkejja li giet interpellata f’ diversi okkazzjonijiet, biex thallas lill-Korporazzjoni attrici l-kumpens ghall-okkupazzjoni dovut, is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara li kien hemm bdil fic-cirkostanzi tas-socjeta’ konvenuta li jirrendi esigwibbli l-kreditu fuq imsemmi minnufih;

2. Konsegwentement tiddikjara bhala immedjatament dovut l-ammont ta’ ta’ sebgha u erbghin elf u hmistax il-Lira Maltin u 51 centezmu (Lm47,015.51c) misluf kif fuq inghad, flimkien mal-imghaxijiet relattivi skond il-prospett hawn anness u mmarkat bhala Dokument ‘C’, u dan nonostanti t-termini ghall-paament previsti fl-istess kuntratt;

3. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta tirrestitwixxi lill-attur is-somma ta’ sebgha u erbghin elf u hmistax il-Lira Maltin u 51 centezmu (Lm47,015.51c) flimkien ma’ l-imghaxijiet kummercjali relattivi.

4. Tillikwida l-kumpens dovut li ghandu jithallas mis-socjeta’ konvenuta ghall-okkupazzjoni tal-fabbrika HF26, Hal Far Industrial Estate, Hal Far limiti ta’ Birzebbugia u dan skond il-prospett anness u mmarkat bhala Dokument ‘D’.

5. Tikkundanna ukoll lill-istess socjeta’ konvenuta thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma hekk likwidata in linea ta’ kumpens ghall-okkupazzjoni.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ta’ qbid u sekwestru li ie prezentat kontestwalment ma’ dina c-citazzjoni kontra s-socjeta’ konvenuta li tibqa’ ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Korporazzjoni attrici mahlufa minn Lawrence Zammit Chairman ta’ l-istess u l-lista tax-xhieda.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta’ konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci.

Semghet l-Avukat u x-xhieda tal-Korporazzjoni attrici.

Ezaminat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

**Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-Korporazzjoni attrici kif dedotti fic-citazzjoni.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------